MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 159/1993/3

**Aronne sive Ronnie Barbara**

**Vs**

**Mark Laferla bhala Direttur f'isem u ghan-nom ta' Laferla Insurance Brokers Ltd. gia Laferla Insurance Services Ltd., bhala agenti ta' "Crowe Motor Policies at Lloyds" u l-Avukat Gianninu Caruana Demajo f'isem u ghan nom tal-Middle Sea Insurance Co. Ltd.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi kien inxurja l-vettura tieghu Alfa Sud tad-Ditta Alfa Romeo, li kienet iggib in-numru tar-registrazzjoni GK-04-UK, bl-engine No. 0032837 u chassis No.

05092094, mad-ditta konvenuta sas-somma ta’ elfejn liri maltin (Lm2,000).

Premess illi l-vettura fuq indikata kienet inxurjata hekk, bejn is-6 ta’ Lulju, 1991 u it-30 ta’ April, 1992 skond il-kopja tac-certifikat anness.

Premess illi din l-vettura kienet inxurjata mill-attur mal-konvenut nomine, “third party, full, fire and theft”.

Premess illi dina l-vettura kienet giet misruqa minn ghand l-attur fit-8 ta’ Marzu, 1992, minn Ta’ Qali u huwa ghamel id-debitu rapport lill-Ufficjali tal-Pulizija li sal-lum ghadhom ma sabuhiex.

Premess illi l-attur interpella lid-Ditta konvenuta biex tidhol u kif marbuta mieghu taghmel tajjeb ghad-danni minnu sofferti u baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjara lill-konvenut noe debitur lejn l-attur kif fuq jinghad skond il-polza tal-Assikurazzjoni msemmija fis-somma ta’ Lm2,000 u

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess somma lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut noe minn issa ngunt ghas-subizzjoni, inkluzi dawk tal-ittra bonorja tal-11 ta’ Mejju, 1992 kif ukoll dik ufficjali tad-29 ta’ Lulju, 1992.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 4 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** noe a fol. 7 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi c-citazzjoni tal-attur hija nulla ghaliex l-identita’ ta’ wiehed mill-konvenuti ma tirrizultax mill-istess citazzjoni.

2. Illi c-citazzjoni tal-attur hija ukoll nulla ghaliex is-socjeta' Laferla Insurance Brokers Limited ma tistghax tirrappresenta lis-socjeta' Middle Sea Insurance Company Limited f'proceduri gudizzjarji.

3. Illi fil-meritu, il-valur tal-vettura allegatament misruqa gie deliberatament ezagerat mill-attur.

4. Illi l-eccipjent jirrileva illi l-vettura in parola giet f'kull stadju deskritta bhala Alfa Sud u l-attur ghandu juri illi din il-vettura kienet fil-fatt Alfa Sud u mhux tip ta' vettura ohra.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut Dottor Giannino Caruana Demajo nomine a fol. 37 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici hija insostenibbli billi l-valur tal-vettura allegatament misruqa gie deliberatament ezagerat mill-attur.

2. Illi l-eccipjent jirrileva illi l-vettura in parola giet f'kull stadju deskritta bhala Alfa Sud u l-attur ghandu juri illi din il-vettura kienet fil-fatt Alfa Sud u mhux tip ta' vettura ohra.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 26;

Rat il-provvediment a fol. 123;

Rat id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell a fol. 158;

Rat in-nomina tal-espert tekniku a fol. 129;

Rat ir-relazzjoni tal-espert a fol. 181;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Perit tekniku nominat minn dina l-Qorti wasal ghall-konkluzzjoni li vettura in kwistjoni minhabba l-fatt li dawn it-tip ta' vetturi, bhala *second hand* huwa inqas mfittxija fis-suq lokali minn vetturi ohra u l-fatt li jaghmel lil din il-vettura ta' anqas valur billi kienet armata b'sistema ta' *steering left hand drive*, u skond il-kundizzjoni taghha kif deskritta, jaghmel il-valur taghha li ma jkunx jeccedi l-Lm1,500.

Il-Qorti, wara li rat ir-relazzjoni u ezaminat il-provi, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet kollha maghmulin mill-perit tekniku, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggunti, huma gusti u korretti u tikkondividihom u taghmilhom taghha. Issir riferenza shiha ghal dak li hemm fir-relazzjoni bhala konkluzzjoni a fol. 197 sa 200 tal-process li ghandhom jitqiesu bhala li jifformaw parti integrali mill-korp ta' dina s-sentenza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Opinjoni teknika, bhal kull prova fl-att, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbili u kredibbili, tifforma l-bazi tal-gudizzju tal-Qorti. Il-Qorti ghandha mano libera li taccetta jew tirrifjuta opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra tista' tigi skartata mill-Qorti.  Dan pero' mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss jekk tirrizulta raguni valida fl-atti. Kien ghalhekk ukoll li l-ligi tipprovvdi ghan-nomina ta' periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta' verifika ta' l-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta (Ara Sentenza App Camilleri vs Debattista 9/2/2001).

Illi l-partijiet qaghadu ghall konkluzzjoni tal-perit u ma ressqu ebda kritika ghall konkluzzjoni tal-perit.  Lanqas ma saret talba ghal nomina ta' periti addizzjonali.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

Tiddikjara lill-konvenut noe debitur lejn l-attur kif fuq jinghad skond il-polza tal-Assikurazzjoni msemmija fis-somma ta' elf u hames mitt lira maltin (Lm1,500) u

Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess somma lill-attur.

Bl-ispejjez kwantu ghall kwart (¼) ghall-attur u tlett kwarti (¾) ghall konvenuti.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-eventwali pagamenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------